KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2023

20 ta' Dicembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fis-2 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**12.1 <u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

12.1. Ma kellniex.

**12.2 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>**

12.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 11.23 u 12.23 A kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

12.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Christopher Bruno u ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana l-minuti ta' seduta 11.23 ġew approvati unanimament.

12.2.3 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Speranza Chirchop u ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana l-minuti ta' seduta 11.23A ġew approvati unanimament

12.2.4 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokumenti korretti.

**12.3 Punti mill-Minuti Preċedenti**

12.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif ippjanat kien inzamm Jum il-Kalkara 2023. Matul l-attivita' inghata Gieh il-Kalkara lis-Sur Michael Cohen, waqt attivita' li kienet xi ftit ristretta minhabba l-kundizzjonijiet tas-sahha tas-Sindku nnifsu li kellu problemi ta' mobilita'.

12.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kif imwieghed il-Kunsill Lokali kien kiteb lill-kumpanija responsabbli mill-ghalf sterilizzanti u kien qieghed jistenna illi jinghata appuntament bil-ghan illi tigi diskussa t-triq il-quddiem rigward il-materja.

12.3.3 Is-Sindku sahaq illi l-Kunsill Lokali baqa' sal-ahhar hin jistenna zviluppi li seta jkun hemm fit-temp. Huwa zied jghid illi sfortunatament, is-sitwazzjoni marret ghall-aghar u l-Kunsill Lokali ma kellu ebda triq ohra hlief li jhassar l-attivita'. Is-Sur Aquilina temm jghid illi minkejja li l-attivita' thassret kien hemm xi spejjez li kien ser ikollhom jithasslu. Min-naha tieghu, kien informa lir-Regjun Port li kien ser ikun qieghed jiffinanzja parti mill-attivita'.

**12.4 <u>Kommunikazzjoni mis sindku</u>**

12.4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadmet bil-ghan illi tikkonkludi r-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-Perjodu Jannar-Settembru 2023 u stieden lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall ir-rapport. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi dan kellu jigi approvat hekk kif imressaq fuq il-mejda

12.4.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien inghata sigra tac-Cipress bil-ghan illi residenti jkunu jistghu jpoggu rigali konnessi mal-inizjativa tal-kampanja nazzjonali Rigal b'Imhabba.

12.4.3 Is-Sindku sahaq illiu l-Kunsill Lokali kien inghata sitt elef ewro mir-Regjun Port bil-ghan illi jigu installati CCTV cameras. Huwa sahaq illi kienu twahhlu diga' tliet cameras li kienu lahqu l-ghan taghhom ghaliex kien tnaqqas ferm l-abbuz b'mod partikolari rimi illegali ta' skart. Huwa zied jghid illi kienet ser titwahhal CCTV camera ohra biswit ic-centru parrokkjali u ohra fi Pjazza Sagra Famiglia. Is-Sur Aquilina qal illi kemm il-darba jkun fadal fondi kienet ser titwahhal ohra fl-entratura ta' Gnien Rnella.

12.4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin il-preparamenti ghall-attivita' ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena, liema attivita' kienet qieghda tittella' flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-Birgu, Bormla u Isla. Is-Sur Aquilina aggorna lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru fir-rigward.

12.4.5 Is-Sur Aquilina informa lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej xoghol prelimibnari fuq hajt perikoluz li kien jifforma parti minn Villa Portelli. Huwa zied jghid illi x-xoghol kien jaghmel parti minn progett aktar holistiku b'konnessjoni mar-restawr tal-istess proprjeta'.

12.4.6 Is-Sindku informa lil dawk prezenti illi nhar is-7 ta' Dicembru kienet saret l-ewwel sessjoni fic-centru gdid li kien ghamel il-Kunsill Lokali. Is-Sur Aqilina zied jghid illi kienu qieghdin jittellghu sessjonijiet kull nhar ta' hamis u kien qieghed ikun hemm partecipazzjoni inkoraggjanti. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jahdem sabiex ic-centru jigi reklamat ahjar mar-residenti bil-ghan illi jizdied l-uzu tieghu.

12.4.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin isiru l-preparamenti mehtiega bil-ghan illi tigi kkordinata Kalkara Fun Walk 2024. Huwa ghadda dettalji tal-attivita' u sahaq illi kien ser ikun qieghed izomm lill-Kunsill Lokali aggornat b'eventwali zviluppi inkluz id-data tal-attivita' li kienet ghadha ma gietx iffissata anke minhabba l-fatt illi kien hemm pjan illi l-attivita' tigi kordinata flimkien ma' attivita' ohra li kien itella l-Kunsill Lokali u cioe' l-ghodwa tad-Citru 2024 li kienet ser tkun qieghda tittella fil-21 ta' Jannar 2024.

12.4.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi bl-arrangamenti li kienu saru bil-ghan illi t-toroq tal-lokalita' jinkinsu mill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali flimkien ma' haddiema assenjati. Is-Sur Aquilina sahaq illi l-haddiema assenjati kienu waqfu milli jirraportaw ghax-xoghol ghal ragunijiet personali. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob stima lill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali sabiex ikun hemm haddiem kuljum jnaddaf it-toroq tal-lokalita'.

12.4.9 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali illi kienet giet sottomessa iod-dokumentazzjoni kollha relatata mal-ingagg tas-Sur Etienne Scicliuna mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

12.4.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien evalwa l-hidma tal-impjegati tal-Kunsill Lokali u kien qieghed jigi rakkomandat illi dawn ikunu kif gej

| | |
|---|---|
| Maria Dolores Camilleri - | 6% |
| Deemer Bilocca - | 6% |
| Brian Loffreda - | 6% |
| Martin Mielaq - | 6% |

## 12.5 Korrispondenza

12.5.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali b'korrispondenza li kien hemm b'konnessjoni ma' progett li kien qieghed jigi propost li jsir permezz talHousing Development Funds fiz-zona ta' Esplora. Is-Sur Aquilina zied jghid illi fil-prezent kien qieghed isir aggornament tal-Bills of Quantities peress li dawk li kellu l-Kunsill Lokali kienu xi ftit antiki

## 12.6 <u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;</u>

12.6.1 Is-Sa. Speranza Chircop aggornat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti u attivitajiet li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni mac-Centru tal-Anzjanita' attiva li kien implimenta l-Kunsill Lokali. Hija ziedet tghid illi kienet ittellghet ukoll attivita' ghall-anzjanl li kienet ta' success.

12.6.2 Is-Sa. Speranza Chricop aggornat lill-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' materji relatati ma' Trasport fosthom it-Trasport Pubbliku u bus Shelter fi Triq Guzeppi Valerio Abela.

12.6.3 Is-Sinjura Maria Sultana rringrazzjat lil dawk li kienu involti fl-attivita' Jum il-Kalkara 2023. Hija sahqet illi l-assocjazzoni tal-Kunsilli Lokali kienet hadet l-okkazjoni biex tvara maskot waqt l-istess attivita'. Hija rringrazzjat lil School grannies li kienu offrew l-assistenza taghhom waqt l-istess attivita'.

12.6.4 Is-Sa. Maria Sultana infurmat lill-Kunsill Lokali b'purcissjoni bil-bambin li kienet ser tittella' nhar il-21 ta' Dicembru 2023 bil-kollaborazzjoni tal-community Police

## 12.7 Punti Ġenerali

12.7.1 Is-Sa. Chircop sahqet illi kien hemm bzonn issir bankina mal-hajt tal-muzew. Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja.

12.7.2 Is-Sa. Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet giet imressqa proposta biex ikun hemm affiljazzjoni ta' tim tal-cricket mill-Marsa, liema materja kienet giet diskussa fil-passat. Il-Kunsill Lokali wara li ddiskuta qabel illi ma kellu jsib ebda oggezzjoni li jintuza l-isem tal-Kalkara anke fid-dawl tal-fatt illi fil-passat kien hemm tradizzjonijiet qawwija tal-isports tal-cricket fil-lokalita'.

12.7.3 Kien hemm diskussjoni libera rigward stage fi Triq San Rokku li matulu kien hemm qbil illi l-karreggjata ma setghetx tigi mittiefsa.

12.7.4 Is-San Maria Sultana semmiet kif fl-opinjoni taghha kellha ssir plakka ghad-dawl ghall-uzu tal-Kunsill Lokali fi Triq Patist Bord. Is-Sindku informal ill-Kunsilliera Sultana li kien ser ikun qieghed jivverifika jekk jistax jittiehed elettriku.

12.7.5 Is-Sa Maria Sultana gibdet l-attenzjoni rigward traffic island nieqsa quddiem Pickless Butcher. Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja inkluz proposti li kien hemm.

12.7.6 Is-Sa. Maria Sultana sahqet illi kien hemm htiega li fi Gnien Rnella jkun hemm access ghall-internet ghall-pubbliku. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiccekkja ma' Project Green dwar il-possibilita' illi din tal-ahhar tiehu shieb ix-xogholijiet.

## 12.8 Mistoqsijiet lis-Sindku

12.8.1 Ma kienx hemm

## 12.9 Mozzjonijiet

12.9.1 Ma kienx hemm

## 12.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.

12.10.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

## 12.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Is-Seduta ntemmet fl-2:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta' Jannar 2024 fl-16:00. Il-kumplament tal-kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 17 ta' Jannar 2024

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Duncan Hall**
Deputat Seg.Eżekuttiv